II

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tas-6 ta' Diċembru 2007**

**li taħtar membru supplenti Franċiż fil-Kumitat tar-Reġjuni**

(2008/31/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 263 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Franċiż,

Billi:

(1) Fl-24 ta' Jannar 2006, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2006/116/KE li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2006 sal-25 ta' Jannar 2010 [1].

(2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sinjura MORIN sar vakanti siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni,

IDDEĊIEDA:

*Artikolu 1*

Is-Sur Jean-Jacques FRITZ, Kunsillier Reġjonali tar-Reġjun Alsace, huwa b'dan maħtur membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat li baqa', jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2010.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett mill-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Magħmula fi Brussell, 6 ta' Diċembru 2007.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
A. COSTA

---

(1) ĠU L 56, 25.2.2006, p. 75.